MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 59/2014

GO **p.l.c. [C-22334]**

**Vs**

**Charlene BANKS [ID. Nru. 40372A]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-28 ta' Jannar, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' seba' mija tlieta u disghin euro [€793] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta attriċi s-somma ta' seba' mija tlieta u disghin ewro (€793) in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 33 (AC40174849), u li jinkludi telefon 21578217; servizz ta' televisjoni 1425141762, u servizz ta' internet, liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta' kuntratt datat 16 ta' Mejju, 2011.

> Illi nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.
>
> Bl-ispejjez u drittijiet, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali 1765/13, u bl-imghaxijiet legali sa mit-23 ta' Lulju 2013, data tal-imsemmija ittra ufficjali".

Ra li l-intimata giet debitament notifikata fil-11 ta' Frar, 2014 u li fis-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal fil-5 ta' Marzu, 2014, l-istess intimata, tramite d-difensur taghha ppreżentat nota ta' ammissjoni.

Ra li d-difensur tal-intimata talbet lit-Tribunal jikkunsidra li l-pagamenti dovuti mill-intimata jithallsu bir-rata ta' hamsin euro (€50) fix-xahar.

Ra li d-difensur tas-socjeta rikorrenti irrimetta ruhhu ghal din it-talba, b'dan li jekk it-Tribunal jikkunsidra tali talba, l-istess intimata ghandha titlef il-beneficcju tat-terminu f'kaz li hija tfalli pagament wiehed u li l-imghax ghandu jibda jiddekorri mit-23 ta' Lulju, 2013 sal-hlas effettiv.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Illi permezz ta’ din it-talba, s-socjeta rikorrenti talbet lill-intimata thallasha s-somma ta’ €793 in konnessjoni ma’ uzu ta’ servizz ta’ kommunikazzjoni pprovdut minnha lilha. L-intimata ammettiet din it-talba, però talbet li hija tkun tista taghmel il-hlas permezz ta’ pagamenti mensili.

Ikkundsidra ulterjorment;

2. Illi in vista ta’ din l-ammissjoni t-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jghid li l-kawza giet ppruvata u li l-ammont dovut, u li ghandu jithallas mill-intimata lis-socjeta rikorrenti huwa ta’ seba’ mija tlieta u disghin euro (€793).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi in vista ta’ l-ammissjoni tal-intimata jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti fis-somma ta’ seba’ mija tlieta u disghin euro (€793) u konsegwentement jikkundanna lill-intimata thallas is-somma ta’ seba’ mija tlieta u disghin euro (€793) bl-imghaxijiet jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mit-23 ta’ Lulju, 2013 sad-data tal-pagament effetiv.

Stante it-talba li ghamlet l-intimata u l-fatt li s-socjeta rikorrenti rrimettiet ruhha ghad-decizjoni tat-Tribunal f’dan ir-rigward, it-Tribunal jordna lill-intimata sabiex taghmel hlasijiet mensili lis-socjeta rikorrenti fl-ammont ta’ hamsin euro (€50) fix-xahar, kull l-ahhar jum tax-xahar.

F’kaz li hija tfalli pagament wiehed (1) allura l-ammont bilanċjali kollu jiġi dovut immedjatament u konsegwentement hija titlef il-beneficcju tat-terminu lilha konċess.

L-ispejjez, in vista ta’ l-ammissjoni tal-intimata ghandhom ikunu sopportati fl-intier taghhom minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------